MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 72/2010/1

**Claudine Desira u Moamar Ali Melad Eltarhuni**

**v.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku u Registratur taz-Zwieg**

Il-Qorti,

[1] Dan hu appell tal-konvenuti minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha fit-23 ta' Frar 2012 li in forza taghha ddisponiet mir-rikors billi:
"Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat, u tichad it-talbiet tar-rikorrenti

kwantu ma hemm ebda lezjoni tad-drittijiet fondamentali kif sanciti fl-artikolu 8 u 14 tal-Kapitolu 319, issib li hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti taht l-artikolu 12 tal-Kapitolu 319 billi t-talba tar-Registratur taz-Zwigijiet ghal visa da parti tar-rikorrenti Eltarhuni mhix gustifikata fir-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u tordna lill-istess Registratur taz-Zwigijiet jipprocessa t-talba ghaz-zwieg tar-rikorrenti in konformita ma' dak hawn deciz u mad-dokumenti l-ohra mitluba u li gia jinsabu fl-atti ta' dan ir-rikors kostituzzjonali.

“In kwantu ghat-tielet talba tar-rikorrenti, din il-Qorti ma tqis li hemm bzonnha billi ma ngiebet ebda prova li l-awtoritajiet Maltin ippruvaw igeghlu lir-rikorrenti Eltarhuni jitlaq minn Malta.

“In kwantu ghar-raba talba cioe dik dwar il-kumpens ghal vjolazzjoni sofferta, din il-Qorti tqis li dak hawn deciz hu ’just satisfaction’ ghal lezjoni sofferta mehud ukoll in konsiderazzjoni li certa dokumentazzjoni relevanti bhal passpart mhux skadut gie pprezentat lejn l-ahhar ta' dawn il-proceduri.

“L-ispejjez fic-cirkostanzi ghandhom ibatuhom il-partijiet kollha b'mod ugwali bejniethom.”

u dan, wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
”Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti.

”Skond ir-rikorrenti Moamar Ali Melad Eltarhuni hu kien gie akkuzat li ghamel attentat ta' qtil fuq Libjan iehor meta kien Malta u illi ghalkemm skonta s-sentenza kien gie liberat mill-Qorti tal-Appell. F'dan il-perjodu kien inghata l-helsien mill-arrest u ltaqa' mal-familja tar-rikorrenti l-ohra Claudine Desira u mar jghix ghandhom. Hu jzied li ltaqa' ma Caludine Desira fl-2006. Ghalkemm Claudine Desira kienet zghira cioe kellha biss xi erbatax-il sena dak iz-zmien sar ihobbha u ried jizzewwiegha. Pero r-Registratur taz-Zwigijiet cahadlu t-talba avolja r-rikorrenti hadilhom certifikat li juri li dejjem kien guvni. Dan kien fis-17 ta' Frar 2010 qabel is-sentenza tal-Qorti tal-Appell. Hadilhom ukoll certifikat ta' twelied bi traduzzjoni. Rigward Claudine

Desira qalulu li kienet taht l-eta u ried il-kunsens tal-genituri w avolja dawn marru jaghtu l-kunsens taw skuza ohra. Hu sostna li f'dan il-perjodu kollu dejjem ghex Malta u ma zzewweg lil hadd f'Malta. Qalulu wkoll li riedu visa u ghalkemm qalilhom li qieghed f'Malta b'ordni tal-Qorti dan ma sewa ghal xejn. Anki t-talba tieghu quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja biex jigi awtorizzat jizzewweg giet michuda (Digriet 56/2010); u rega' l-istess avolja din id-darba pprezenta r-rapport tal-Ombudsman (Digriet 500/2010). Hu jinsisti li r-Registratur taz-Zwigijiet qed jirrifjuta l-permess taz-zwieg ghax ma ghandux visa billi hu tahom id-dokumenti l-ohra kollha. Hu semma kaz fejn Taljan thalla jizzewweg Torka waqt li t-tnejn qeghdin il-habs avolja hi ma ghandhiex visa.

"Claudine Desira kkonfermat li bdiet tohrog mar-rikorrenti l-iehor Eltarhuni maghruf bhala 'Toni' u ghalkemm ghamlu diversi tentattivi biex jizzewwgu ir-Registratur taz-Zwigijiet irrifjuta billi ma kellhiex il-kunsens tal-genituri ghax kellha biss 17-il sena pero ghalkemm il-genituri taw il-kunsens ma ridux jafu. Ir-rikorrenti Eltarhuni tahom ic-certifikati kollha li talbuh, pero insistew li riedu visa ghalkemm hu ilu snin Malta fuq kaz tal-Qorti u ma setax ikollu visa ghalkemm il-passaport tieghu kien mizmum mill-pulizija. Ziedet li mir-relazzjoni taghhom ghandhom tarbija illum ghalqet sena. Illum il-koppja ilha flimkien aktar minn erba' snin. Eltarhuni jahdem ghal rasu bhala bajjad u jmantni lilha u t-tarbija. Hi ma tiehux servizzi socjali. Bhalissa qed ighixu fid-dar ta' ommha sakemm jirregolarizzaw il-pozizzjoni taghhom.

"Il-genituri ta' Claudine Desira, Rita u Raymond ikkonfermaw li marru jaghtu l-kunsens taghhom ghaz-zwieg ta' binthom ma' Eltarhuni ghax kellha biss 17-il sena pero r-Registratur taz-Zwieg insista fuq visa da parti ta' Eltarhuni. Mindu gie Malta Eltarhuni qatt ma halla l-pajjiz u llum ir-rikorrenti ghandhom tarbija u hi x-xewqa tal-genituri li jarawhom mizzewgin.

"**L-eccezzjoni dwar in-necessita tal-prezenza tad-Direttur tar-Registru Pubbliku f'dawn il-proceduri**

”Din l-eccezzjoni giet iritirata mill-intimati u ghalhekk mhux ser tigi mistharga.

”**Eccezzjoni dwar proceduri li ttiehdu fil-konfront tal-intimati fejn qed jigi attakkat l-agir tar-Registratur taz-Zwieg, qabel gie intentant dan ir-rikors kostitutzzjonali**

”L-intimati pprezentaw fl-atti fl-24 ta’ Frar 2011 l-inkartament ta’ zewg digrieti tal-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja in konnessjoni mar-rifjut tar-Registratur taz-Zwieg li jniedi l-bandi taz-zwieg. L-ewwel digriet cioe 56/2010 sar in segwitu ghar-rikors tal-intimati tal-1 ta’ Dicembru 2009 fejn il-Qorti giet mitluba tordna lir-Registratur jippubblika l-bandi billi d-dokumenti tal-intimati kienu regolari u ghalhekk l-applikazzjoni taghhom kellha tirnexxi. Ir- Registratur taz-Zwieg kien irrisponda illi l-intimat Eltarhuni ma kienx ipprezenta (1) vera kopja tal-Att ta’ Twieled awtentikat mill-awtorita tal-Libja bi traduzzjoni legalizzata tal-istess; (2) free status certificate tieghu u traduzzjoni legalizzata; (3) passaport jew visa li jkopru l-qaghda tal-gharus f’Malta sad-data taz-zwieg; (4) kunsens bil-miktub tal-genituri tal-gharusa billi kienet minorenni. Intqal ukoll illi kontra l-gharus kien hemm guri pendenti appuntat ghat-8 ta’ Marzu 2010. Il-Qorti f’dik l-istanza cahdet it-talba tal-intimati billi ma ottemporawx ruhhom mal-ligi ghal produzzjoni tad-dokumenti rikjesti.

”It-tieni digriet cioe dak bin-numru 500/2010 sar in segwitu ghar-rikors iehor tal-intimati din id-darba tat-3 ta’ Frar 2010 fejn gie allegat illi l-fatt li Eltarhuni ma kellux visa valida ma kienitx ostakolu ghal hrug tat-tnidijiet u dan kien gie deciz f’kaz simili mill-Ombudsman. Inoltre r-rikorrenti Claudine Desira kienet harget tqila dak iz-zmien. Huma talbu lil Qorti tordna lir-Registratur taz-Zwieg johrog it-tnidijiet taz-zwieg billi d-dokumenti kienu kollha pprezentati u jekk tqis li l-visa kienet dokument necessarju, kienet qed titqajjem il-kwistjoni dwar ksur tad-drittijiet tal-bniedem ai termini tal-artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea.

”Ir-Registratur taz-Zwieg, irrisponda illi d-dokumentazzjoni rikjesta ma kienitx giet prezentata.

”Ir-rikorrenti fil-fatt sussegwentement ipprezentaw fl-atti (1) good conduct certificate tar-rikorrenti Eltarhuni stess awtentikat datat 31 ta’ Jannar 2010 a fol. 50 tal-process; (2) marital status certificate tieghu awtentikat datat 30 ta’ Jannar 2010 a fol. 54 tal-process; (3) certifikat tat-twelid tieghu awtentikat datat 30 ta’ Jannar 2010 a fol. 58 tal-process.

“Ir-Registratur taz-Zwieg irrisponda illi Eltarhuni kien mar japplika bla ma kien fil-pussess ta’ visa u ghalhekk lanqas seta’ jinghad li kien hemm applikazzjoni ghax id-dokumenti rikjesti ma kienux gew prezentati. Hu zied illi l-good conduct certificate sar mill-istess rikorrenti u ma kienx mitlub; il-free status certificate kellu jkun iddatat mhux aktar min tlett xhur mill-proposta data taz-zwieg ghax fil-fratemp dan l-istatus jista’ jinbidel u fit-tielet lok, ir-rikorrenti rresista li jipprezenta visa. Inoltre meta tkun qed tigi processata applikazzjoni dwar persuna Libjana, l-awtoritajiet Libjani jesigu li persuna li trid tizzewweg barranija jkollha permess mill-awtoritajiet kompetenti Libjani; id-dikjarazzjoni tal-genituri tar-rikorrenti minorenni tittiehed mall-ipprocessar tal-applikazzjoni ghat-talba ghat-tnidijiet.

”Il-Qorti fid-digriet taghha tat-3 ta’ Awwissu 2010 regghet cahdet it-talbiet tar-rikorrenti minhabba nuqqas ta’ dokumentazzjoni rikjesta.

”Dawn ir-rikorsi saru ai termini tal-artikolu 8(2) tal-Kapitolu 255 fejn wara li r-Registratur taz-Zwieg ikun iddikjara li ma jistax iniedi l-bandu, il-persuni li talbu l-bandi setghu jaderixxu l-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja ghal kontro ordni. L-atti fir-rikorsi fuq spjegati huma prova cara tar-rifjut tar-Registratur li jniedi l-bandi. Ic-cahda tal-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja li jbiddel ir-rifjut tar-Registratur taz-Zwieg wassal lir-rikorrenti ghall-ilmenti ta’ vjolazzjoni ghad-drittijiet tal-bniedem taht l-artikoli 8 u 12 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

”Gie ppruvat illi r-rikorrenti wzaw il-mezzi ordinarji a dispozizzjoni taghhom u kien wara li sar rifjut ghal darba, darbtejn, illi ittiehdu dawn il-proceduri, meta l-istess rikorrenti ma ghandhom ebda rimedju iehor fattibbli. Ghalhekk l-eccezzjoni tal-intimati qed tigi michuda.

”**Artikolu 8**

”Ir-rikorrenti qed jallegaw illi d-decizjoni tar-Registratur taz-Zwieg li jirrifjuta li jippubblika t-tnidijiet taz-zwieg taghhom kienet interferenza fil-hajja tal-familja taghhom.

”L-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tghid hekk:

“8(1) There shall be no interference by a public authority with the exercise of this right such as in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic well-being of the country, for the prevention of disorder or crime, for the protection of health or morals, or for the protection of the rights and freedoms of others.

“Jinkombi qabel xejn ghar-rikorrenti illi fl-ewwel lok jipprovaw illi huma jgawdu hajja ta’ familja qabel ma ssir il-prova jekk hiex qed issir interferenza mill-istat f’din il-hajja li hu fid-dover tal-istat li jirrispetta.

“Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem estendiet bid-decizjonijiet taghha t-tifsira ta’ familja oltre dik ta’ wahda formali bbazata fuq il-kuncett tradizzjonali taz-zwieg (ara Johnston vs Ireland A112 (1986). F’certi cirkostanzi tista’ tinkludi relazzjonijiet potenzjali jew anki pjanati fil-futur (ara Keegan vs Ireland A290 (1994). Kif ighidu l-awturi **Harris, O’Boyle and Warbrick** fil-ktieb ”Law of the European Convention on Human Rights” (Oxford 2nd ed. 2009):

“It should be noted at the outset that the obligation on the state is to respect family life: it does not allow persons to claim a right to establish family life, e.g. by marrying or having the opportunity to have children by whatever

means, nor a general right to establish or enjoy family life in a particular jurisdiction.

“Ghalkemm l-istess awturi izidu illi ”... the right to respect for one’s family life may involve recognition by the state of the reality of family life already established”.

“Izidu illi ”If the parents cohabit but are unmarried, it will usually be the case that they enjoy family life together and with their children (ara **Johnston vs Ireland** A112 (1986)”;

“Prospective relationships as husband and wife that is to say, those between present fiancè and financèe may be regarded as family life if they are sufficiently established (Wakefield vs UK 15817/89). When the union between partners is informal, it will depend on all the facts whether it constitutes family life. Stability of the relationship over a period of time and the intention of the partners are significant factors.

“L-ingredjent essenzjali tal-hajja ta’ familja hu d-dritt li l-koppja tghix flimkien biex ir-relazzjoni tizviluppa b’mod normali u l-membri tal-familja jkunu jistghu jgawdu lil xulxin.

“F’dan il-kaz il-provi prodotti mir-rikorrenti biex juru bilanc ta’ probabbilita li effettivament huma qed igawdu minn hajja familjari gia sufficjentement stabbilita (enfasi tal-Qorti) huma ftit hafna. Qari kemm tar-rikorsi li saru fil-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja u l-affidavits taghhom u membri tal-familja tar-rikorrenti Desira juru fuq kollox ilment wiehed cioe li r-Registratur taz-Zwieg kien qed jirrifjuta li jippublika t-tnidijiet ghax ir-rikorrenti Eltarhuni ma kellux visa.

“Din il-Qorti ma saritilha ebda prova ta’ relazzjoni soda bejn ir-rikorrenti tali li tissodisfaha mill-intenzjoni taghhom li kellhom gia jew riedu jifformaw hajja familjari tenut kont tar-relazzjoni li kellhom ezistenti. Ma saret ebda prova kemm kien ilu Malta r-rikorrenti Eltarhuni qabel gie arrestat u ghadda guri, ghalkemm hu fil-fatt gie mehlus

minn kull akkuza mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Jirrizulta mill-atti promotur li kien ilu jaf lir-rikorrenti Desira mill-2006 li kellha biss erbatax-il sena meta saret tafu. Lanqas jirrizulta kif saret tafu u kif imxiet ’l quddiem din ir-relazzjoni. Il-Qorti ssibha ftit difficli taccetta bhala realta li tifla ta’ erbatax-il sena riedet tifforma u effettivament stabbiliet familja ma’ Eltarhuni. Ta’ dik l-eta u ftit akbar ma jkunx hemm apprezzament adegwat ta’ dak li jikkostitwixxi u jinvolvi ’hajja ta’ familja’. Hu minnu illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri r-rikorrenti kellhom tarbija u ghadhom ighixu flimkien pero din wahedha mhix prova li r-rikorrenti qed jew iridu jghixu hajja ta’ familja. It-twelid ta’ tarbija jikkreja rabta ta’ familja bejn il-genitur u t-tarbija li ma taghtix ezistenza awtomatika ghal hajja ta’ familja, ghalkemm din mhix il-kontestazzjoni tar-rikorrenti mal-istat. Din il-Qorti pero tirravisa illi c-certifikat ta’ twelid tat-tarbija esebit a fol. 117 tal-process jindika l-missier bhala ’unknown’ u ma saret ebda prova ulterjuri dwarha.

”Inoltre jidher mill-atti li Claudine Desira kienet u baqghet tghix fid-dar tal-genituri taghha kif jidher li gie accettat ighix ukoll Eltarhuni minghajr raguni ghalfejn r-rikorrenti Eltarhuni nghata din il-fakolta ab initio. Ghalkemm il-Qorti Ewropea taccetta li relazzjoni barra z-zwieg ukoll tista’ tikkostitwixxi hajja ta’ familja pero l-ezistenza tan-nukleu familjari jew il-prova cara li r-relazzjoni hi intiza li twassal per necessita ghal relazzjoni familjari trid tigi ppruvata b’mod tangibbli. Il-koabitazzjoni jew il-kreazzjoni ta’ tarbija ghalkemm uhud mill-provi li jistghu jingiebu bhala fatti korroborativi tal-ezistenza jew serjeta ghall-istabbiliment ta’ hajja familjari, mhix wahedhom bizzejjed biex jippruvaw tali hajja familjari. Fattur importanti, u f’dan il-kaz ma rrizultax, hu l-komportament bejn ir-rikorrenti fuq materji prettament ta’ hajja familjari bhal xoghol u ghajuna finanzjarja ghas-sussistenza ta’ familja, maturita ta’ atteggjament familjari bejn ir-rikorrenti, ippjanifikar ta’ differenzi fil-kultura u twemmin. Ma rrizultax l-intenzjoni li tohrog car mill-mod tal-ghixien u komportament bejn il-koppja li tinduci lil Qorti taghraf l-ezistenza ta’ hajja familjari jew attitudini tali li twassal b’konsegwenza immedjata tali ezistenza. Ir-rikorrenti naqsu f’dan l-aspett importanti tal-prova, u x-xewqa taghhom li jiccelebraw

zwieg mhix fattur determinanti f'dan il-kaz partikolari li jista' jittiehed per se bhala bazi ghall-prova tal-ezistenza jew modus vivendi li jwassal per konsegwenza ghal ezistenza ta' hajja familjari.

"Ir-rikorrenti Desira tixhed, fuq domandi tal-Qorti, illi hi ma ghandhiex ghajnuna socjali pero Eltarhuni jahdem bhala bajjad ghal rasu u jaghtihom manteniment. Ma elaboratx aktar anzi r-risposti taghha kienu kemm jista' jkun skjetti. Il-Qorti ma tifhimx kif Eltarhuni qed jahdem minghajr ktieb tax-xoghol pero anki hawn ma ngiebu ebda provi cara dwar il-modus vivendi ta' dawn it-tnejn minn nies li jridu jippruvaw li ghandhom 'hajja ta' familja'.

"Ic-cirkostanzi tar-relazzjoni tar-rikorrenti tant hi fluida, almenu kif mikxufa lill-Qorti li ma hemmx il-prova li r-rikorrenti fil-fatt igawdu hajja ta' familja, tali li taqa' fl-ambitu tal-protezzjoni tal-artikolu 8(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

"Din il-Qorti tista' tieqaf hawn pero ghal kompetezza u dato non concesso li r-rikorrenti qed igawdu minn hajja familjari kif trid il-ligi, irid jigi ppruvat mir-rikorrenti li din il-hajja familjari qed issib interferenza ingustifikata fit-tgawdija taghha.

"L-artikolu 8(1) jipprotegi d-dritt ghar-rispett ghal varji interessi hemn imsemmija fosthom id-dritt ghal hajja familjari. Tali uzu ta' kelma specifika taghmilha cara li mhux kull att ta' awtorita pubblika li jista' jkollha impatt fuq tali ezercizzju jsarraf fi vjolazzjoni ta' dan id-dritt.

"Jimkombi fuq ir-rikorrenti li jistabilixxi li l-interess protett hu wiehed minn dawk enunzjati fl-artikolu 8(1) liema dritt qed jigi vvjolat ghax qed issiru interferenzi mill-istat tali li mhux qed jinghata r-rispett biex dan id-dritt ta' hajja familjari jitgawda fl-aspett posittiv tieghu. Kif qalet il-Qorti Ewropea fil-kawza **XLY vs Netherlands** A91 (1985) "article 8 does not merely compel the state to abstain from ... interference: in addition to this primarily negative undertaking, there may be positive obligations inherent in an effective respect for private or family life".

“Jimkombi fuq ir-rikorrenti li jippruvaw din l-interferenza, jew fi kliem iehor li l-hajja familjari jekk ezistenti bejn ir-rikorrenti qed tigi mxekkla b’interferenza mhux legittima tal-istat. F’dan il-kaz ma ngiebet ebda prova illi r-rikorrenti qed jigu mxekkla milli jkollhom relazzjoni personali bejniethom jew li jikkoabitaw flimkien jew li jkollhom tarbija mir-relazzjoni kif fil-fatt kellhom. L-istat ma hux jinterferixxi kif qed ighixu fil-prattika l-hajja ’familjari’ allegata minnhom u li ghogobhom jistabilixxu. Ir-relazzjoni bejn il-kontendenti ma hi ssib ebda xkiel, pregudizzju jew diskriminazzjoni mill-istat jew saret xi prova li qed jittiehed jew jitnaqqas xi beneficcju li r-rikorrenti Desira bhala cittadina Maltija b’tarbija tista’ tkun intitolata ghaliha minhabba r-relazzjoni li ghandha mar-rikorrent l-iehor.

”Il-lanjanza tar-rikorrenti kienet minn dejjem illi l-istat qed jimponi kundizzjonijiet mhux mehtiega mill-ligi biex ir-rikorrenti jkunu jistghu jizzewwgu. Pero kif gia intqal l-obbligu tal-istat li jirrispetta l-hajja familjari ma jaghtix jedd lill-persuni li jippretendu xi dritt ghal hajja familjari biz-zwieg u bi zwieg f’gurisdizzjoni partikolari. Mhix dak li qed jigi protett b’dan id-dritt fundamentali izda li hajja familjari gia sodisfacentement stabbilita jew li f’certi kazijiet jista’ jinghad b’konvinzjoni li waslet biex tigi stabbilita tigi rispettata mill-istat. Iz-zewg drittijiet, dak taz-zwieg u l-hajja familjari huma distinti u protetti b’artikoli differenti tal-Konvenzjoni Ewropea, ghalkemm f’certi aspetti jistghu jirkbu wiehed fuq l-iehor. Pero mhux f’dan il-kaz partikolari fejn din il-lanjanza taht l-artikolu 8 ma ssibx sostenn fil-provi prodotti mir-rikorrenti biex jinvokaw il-vjolazzjoni tieghu. Il-formalitajiet taz-zwieg mhux ser ibiddlu xejn mir-ragunijiet fattwali li jwasslu ghall-ezistenza jew prossimita ta’ ezistenza ta’ relazzjoni familjari.

”Billi ma nstabx raguni ta’ interferenza ghar-rikorrenti taht l-artikolu 8(1) mhux il-kaz li wiehed jidhol fil-kwistjoni tal-gustifikazzjoni tal-interferenza taht l-artikolu 8(2) u ghalhekk din il-Qorti qed tirrespingi li qed isir xi vjolazzjoni tad-dritt ghal hajja familjari taht dan l-artikolu.

”**Artikolu 12**

”Dan l-artikolu jghid hekk:

”Men and women of marriageable age have the right to marry and to found a family according to the national laws governing the exercise of this right”.

”Dan l-artikolu jaghti d-dritt restrittiv ghaz-zwieg u li l-koppja jkollhom familja soggett ghad-dritt wiesa’ tal-istat li jirregola l-ezercizzju ta’ dan id-dritt. Dan l-artikolu ma ghandhux jiftiehem li hemm xi dritt li jkollok familja fl-assenza ta’ zwieg (ara Rees vs VK (1986).

“Kif ighidu l-awturi **Harris, O’Boyle u Warbrick** fil-ktieb ”Law of the European Convention on Human Rights” (Oxford 2nd ed 2009) ”Article 12 guarantees the right to marry and found a family according to the national laws governing the exercise of this right. This qualificatory wording is of a quite different kind from that in articles 8-11. While it does provide a wider margin of appreciation to states, the words are not to be read literally for that would deprive article 12 of all meaning at the international level. National laws must satisfy a European standard as to the meaning of a law and ’not restrict or reduce the right in such a way or to such an extent that the very essence of the right is impaired’. This interpretation is bolstered by the words ’governing the exercise of this right which indicate that the national laws may regulate but not prohibit or exclude the right altogether”.

“Rigward limitazzjonijiet procedurali l-istat jista’ jimponi osservanza ta’ regoli formali ghal registrazzjoni ta’ celebrazzjoni ta’ zwieg. Fis-sustanza l-istat jista’ jimponi limitazzjonijiet fuq l-eta necessarja ghaz-zwieg, konsangwinita u kwistjonijiet ohra li jimpingu fuq is-sustanza taz-zwieg. Pero tali restrizzjonijiet ma jistghux ikunu mhux f’posthom f’socjeta’ demokratika, jew mhux ragonevoli ghalkemm l-istat ma ghandhux in generali l-obbligu pozittiv li jiffacilita z-zwieg pero fl-istess waqt fejn koppja turi l-intenzjoni taz-zwieg u hemm cirkostanzi jew ostakoli kollaterali li jipprevjenu zwieg li minghajr dawn ic-cirkostanzi jew ostakoli kienu jrendu z-zwieg legali, allura

l-istat jista’ jkollu l-obbligu li jimmitiga jew jelimina l-ostakolu.

“Id-dritt taz-zwieg ma jimplikax in linea generali d-dritt li l-koppja taghzel il-lokazzjoni geografika fejn jizzewwgu. Ghalhekk stat mhux obbligat jaccetta aljen fit-territorju tieghu jew li jibqa’ hemm sabiex zwieg jigi celebrat f’dak l-istat, iktar jekk il-koppja tista’ tizzewweg band’ohra. B’implikazzjoni jista’ jkun hemm eccezzjoni fejn wahda mill-kopja hi cittadina ta’ dik l-istat u l-koppja ma tistax tizzewweg band’ohra.

“Fil-kaz prezenti r-rikorrenti qed jilmentaw illi r-Registratur taz-Zwieg qed izommhom milli jizzewwgu ghax ir-rikorrenti Eltarhuni ma ghandhux visa valida. Huma qed isostnu illi r-rikorrenti kien jinsab Malta taht arrest pendenti guri kriminali kontrih li issa mar in gudikat bis-sejbien ta’ innocenza da parti tieghu. Ghalhekk hu mhux f’pozizzjoni li jipproduci visa billi kien mizmum mill-istat f’Malta mhix b’rieda tieghu izda b’mod forzat skond il-ligi u ghalhekk ma jahtix ghan-nuqqas ta’ visa.

”Ir-Registratur taz-Zwieg jaghti diversi ragunijiet ghalfejn id-dokumenti minnu prezentati mhux sufficjenti biex tigi processata talba ghat-tnidijiet tal-bandi ghaz-zwieg.

”L-artikolu 7(2) tal-Kap. 255 ighid illi

”7(2) It-tnidijiet taz-zwieg ghandhom juru l-isem, l-indirizz, il-post tat-twelid u r-residenza ta’ kull wahda mill-persuni li jkunu ser jizzewgu, il-post fejn ikun bi hsiebhom jizzewgu u, kemm-il darba f’kaz ta’ filjazzjoni naturali jew cirkostanzi ohra r-Registratur ma jidhirlux xieraq li jagixxi xort’ohra, isem il-missier u isem u kunjom l-omm ta’ kull wahda mill-persuni li jkunu ser jizzewgu.

”L-artikolu 7(5) tal-Kap. 255 ighid imbaghad:
7(5) Talba ghall-pubblikazzjoni tat-tnidijiet ma tigix milqugha jekk ma tigix konsenjata lir-Registratur aktar kmieni minn sitt gimghat qabel id-data mahsuba ghaz-zwieg, jew minn dak iz-zmien aqsar lir-Registratur jista’ fid-diskrezzjoni tieghu jaccetta f’cirkostanzi specjali, u jekk

u sakemm, <u>barra mit-taghrif l-iehor kollu rilevanti</u>, ma jigux konsenjati lir-Registratur

”(a) certifikat tat-twelid ta’ kull wahda mill-persuni li jkunu ser jizzewgu;

“(b) dikjarazzjoni bil-gurament maghmula w iffirmata minn kull wahda mill-persuni li jkunu ser jizzewgu li tghid li skond l-ahjar taghrif u twemmin taghha, ma hemm ebda impediment legali ghaz-zwieg jew xi
raguni ohra legittima ghaliex ma ghandux isir iz-zwieg:

“Izda jekk jigi muri ghas-sodisfazzjon tar-Registratur li ma jistax jinkiseb xi certifikat tat-twelid li ghandu jigi konsenjat skond dan is-subartikolu, ir-Registratur jista’ jaccetta minflok document jew prova ohra li jidhirlu li tkun xierqa ghall-ghan ta’ dan l-artikolu.

“Kwindi apparti l-formalitajiet ta’ isem, kunjom, post tat-twelied u residenza tal-partijiet li ser jizzewwgu, u l-post fejn bi hsiebhom jizzewwgu, ir-Registratur taz-Zwieg jehtieg certifikat tat-twelied tal-persuni u dikjarazzjoni taghhom li ma hemmx impediment legali ghal zwieg jew kawza gusta ghalfejn iz-zwieg ma ghandux isehh. Il-ligi pero fis-subartikolu (5) taghti id wiesa’ lir-Registratur billi jista’ jitlob oltre din l-informazzjoni ’kull informazzjoni relevanti ohra’.

”Jirrizulta illi r-rikorrenti Eltarhuni esebixxa dokument datat 30 ta’ Jannar 2010 mahrug mis-Civil Status Department Tarhuna fil-Libja fejn oltre d-dettalji tieghu jirrizulta li mhux gia mizzewweg. Esebixxa wkoll ic-certifikat tat-twelied tieghu mahrug ukoll fl-istess data mill-istess dipartiment, kif ukoll dikjarazzjoni maghmula minnu fejn jiddikjara li hu persuna ta’ kondotta u manjieri u morali tajba.

”Ir-Registratur taz-Zwieg oppona ghat-talba tar-rikorrenti biex johrog it-tnidijiet ghaz-zwieg ghax ic-certifikat li juri l-free status tieghu kien mahrug iktar minn tlett xhur qabel saret it-talba, pero hi l-opinjoni tal-Qorti illi din hi kwistjoni li tista’ facilment tigi rizolta b’dokument iktar ricenti basta li l-istess Registratur ma jtawwalx hu inutilment b’tali mod li

c-certifikatipprezentat jitlef l-effikacja tieghu. Qed issir ukoll l-aktar resistenza ghall-ipprocessar tal-applikazzjoni ghax Eltarhuni qed jonqos li jipprezenta passaport jew visa valida ghall-prezenza tieghu f'Malta kif ukoll permess biex jizzewweg mara mhix Libjana kif mitlub mill-awtoritajiet tal-Libja. Din tidher li hi l-perm tal-kwistjoni. Fl-affidavit ta' Marthese Farrugia Turban, principal officer fir-Registru taz-Zwieg gew prezentati diversi dokumenti fosthom il-passaport ta' Eltarhuni li juri li l-passaport tieghu nhareg fl-2003 u skada fl-2007.

"Jigi relevat illi fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2011 Eltarhuni pprezenta kopja tal-passaport tieghu mgedded darbtejn darba mill-11 ta' Mejju 2010 sal-25 ta' Settembru 2011 (fol. 119 tal-process) u tigdid iehor mill-21 ta' Ottubru 2011 sal-24 ta' Settemrbu 2013 fol 121 tal-process fejn din il-Qorti rat l-original tal-istess passaport qabel ma saret kopja tal-partijiet relevanti tieghu. Gie prezentat ukoll kopja tac-certifikat tat-twelid tat-tarbija kif ukoll 'no objection' ghaz-zwieg tar-rikorrenti mar-rikorrenti l-0hra. Dawn jinsabu a fol. 116 sa 140 tal-process. Iktar tard ir-rikorrenti Eltarhuni pprezenta 'marital status certificate' aggornat datat 23 ta' Novembru 2011 a fol. 144.

Il-ligi ma tghid xejn dwar prezentazzjoni ta' passaport jew visa la fl-artikolu 7(2) u anqas 7(5) tal-Kapitolu 255. Issemmi biss bhala rekwiziti bazici, ic-certifikat tat-twelid u dikjarazzjoni mill-partijiet li ma hemmx impediment ghaz-zwieg, zewg kondizzjonijiet li jidhru li gew ottemperati tant hu hekk illi r-rikorrenti jssostnu illi l-kondizzjoni li jigi prezentat visa mhux fil-kompitu tar-Registratur taz-Zwieg li jitlobhom u f'dan hu li qed jilledi d-dritt fundamentali tar-rikorrenti li jizzewwgu.

"Ir-Registratur taz-Zwieg qed jistrieh fuq il-kliem fl-artikolu 7(5) cioe 'b'zieda ma informazzjoni ohra relevanti'. Ir-Registratur qed jitlob din l-informazzjoni, cioe formalita procedurali qabel ma jaccetta applikazzjoni ghal hrug tal-bandi.

"Il-Qorti tifhem li stat ghandu jkollu diskrezzjoni ampja biex jassigura l-buon ordni u s-sikurezza ghas-socjeta' u c-

cittadin in generali, li jkunu salvagwardati kontra l-permanenza f'pajjizna permezz ta' zwieg ta' persuni barranin mizzewgin persuni cittadini membri tal-Unjoni Ewropea (ara Direttiva 2004/38/EC) li jistghu jkunu jew riskju ta' periklu jew hsara jew b'certezza indubbja ta' identita u stat u li qed ifittxu soluzzjoni ghal permanenza taghhom f'Malta permezz taz-zwieg, liema zwieg jista' jkun ghalhekk biss kopertura ghal finijiet ohra. Mill-banda l-ohra din id-diskrezzjoni trid tintuza b'mod ghaqli u bil-qies u d-dicitura ampja tal-ligi ma ghandhiex taghti lok ghall-abbuz jew diskriminazzjoni minn min hu fdat bir-responsabiltajiet li timponi fuqu l-ligi.

"Kull decizjoni mehuda mir-Registratur taz-Zwieg fil-gbir tal-informazzjoni mitluba minnu trid tkun indirizzata lejn iz-zamma tal-ordni pubbliku u ghal ahjar interess u l-protezzjoni tas-socjeta' obbligi tal-istat verso ic-cittadin tal-pajjiz. Tali informazzjoni mitluba trid tkun ragonevoli u proporzzjonata ghall-iskop li jrid jitlahaq kif inghad. Fi kliem iehor trid tkun gustifikata u mhux lesiva.

"F'dan il-kaz il-Qorti tqis li l-istat ghandu dritt jitlob li persuna barranija, cioe mhux membru tal-Unjoni Ewropea, ikun munit b'passaport validu mhux skadut u ma ghandux jinghata ebda permess ghaz-zwieg jekk ma jigix supplit tali passaport.

"Il-Qorti tqis ukoll illi ladarba persuna jkun dahal Malta minn pajjiz barra l-Unjoni Ewropea ghandu wkoll juri li qieghed Malta b'permess specjali ghal certu zmien, li wara kollox hu l-iskop tal-visa. Jidher li Eltarhuni kellu passaport li skada meta kien Malta cioe fl-2007 u baqa' qatt ma pprezenta tigdid tal-passaport sakemm esebixxa dan it-tigdid fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2011. Ma jidhirx li fl-2010 meta kienu ghadhom pendenti proceduri quddiem ir-Registratur taz-Zwieg, Eltarhuni kellu passaport in regola sa mill-11 ta' Mejju 2010. Dan in-nuqqas hu attribwibbli lir-rikorrenti. Jirrizulta wkoll li Eltarhuni kellu visa li skadiet ghax kien taht arrest u ghalhekk ma setghetx tigi mgedda. Ma jistax jinghad li Eltarhuni kien qed jikser il-kondizzjonijiet tal-visa billi tali soggorn f'Malta oltre l-limitu tal-visa kien wiehed forzat

b'ordni tal-istess stat. Il-provi ma jurux li Eltarhuni jistax illum jinghata visa biex jissodisfa dak li jrid ir-Registratur taz-Zwigijiet. Eltarhuni jixhed li l-istat ma jridx igedded il-visa u r-Registratur taz-Zwigijiet hu sieket fuq dan il-punt.

”Ghalkemm hu dritt tal-istat jekk igeddidx visa jew le, anki fic-cirkostanzi eccezzjonali ta' dan il-kaz, l-istess stat ma jistax jinqeda b'formalita rikjesta minn Dipartiment tal-Gvern u fl-istess hin jichad l-otteniment taghha minghajr raguni valida. F'dan il-kaz ma nghatat ebda raguni mill-istat dwar (1) in necessita ta' Eltarhuni f'dawn ic-cirkostanzi fejn issa ipprovda kull dokumentazzjoni necessarja, xorta qed jintalab il-prezentazzjoni ta' visa li mhux f'pozizzjoni li jottjeni u dan mhux b'nuqqas tieghu u (2) ir-raguni ghalfejn din il-visa f'dan il-kaz partikolari hi ta' relevanza tali li minghajrha Eltarhuni ma jistax jizzewweg meta ilu Malta iktar minn hames snin jitlob l-istess haga, cioe permess li jizzewweg persuna Maltija u ma jidhirx li hemm ostakolu iehor ghal tali zwieg lanqas wiehed ta' sigurta billi Eltarhuni inheles minn kull akkuza kriminali migjuba kontrih. .

”Minghajr tali spjegazzjoni l-Qorti ma tistax tara kif f'dan il-kaz u f'dawn ic-cirkostanzi partikolari mehudin flimkien, ir-Registratur taz-Zwigijiet qed jinsisti fuq il-prezentazzjoni ta' visa bla ebda gustifikazzjoni valida w attwali ghaliha.

”Il-Qorti tqis illi l-insistenza tar-Registratur taz-Zwigijiiet f'dan il-kaz partikolari, u l-Qorti qed tenfasizza fuq dan il-kaz partikolari biss, la hi regonevoli jew proporzjonata ghall-iskop li jrid jintlahaq u ghalhekk hi lesiva tad-dritt tar-rikorrenti li jizzewwgu u ssib li d-dritt tar-rikorrenti taht l-artikolu 12 gie vjolat.

”**Artikolu 14**

”Ir-rikorrenti qed jallegaw ukoll illi d-dritt taghhom li jkollhom hajja familjari u li jizzewwgu qed jigi mittiefes a bazi ta' diskriminazzjoni.

”Din il-Qorti ma hix ser tapprofondixxi hafna fuq din il-kwistjoni billi r-rikorrenti ma gabu ebda prova li saret xi

diskriminazzjoni kontrihom a bazi ta’ wahda mir-ragunijiet elenkati fl-artikolu 14. Ir-rikorrenti jridu jgibu prova li persuni fl-istess pozizzjoni identika taghhom gew trattati b’mod differenti minnhom. L-atti huma skarni fuq din il-kwistjoni. Kull ma jinghad fl-att promotur hu illi persuni cittadini tal-Unjoni Ewropea ma ghandhomx bzonn visa biex jizzewwgu u dan hu diskriminatorju. Il-Qorti ma taqbilx ma’ dan l-argument peress illi ghall-finijiet ta’ dak li jistabilixxi l-Unjoni bejn il-pajjizi Ewropej hemm il-principju illi kull cittadin ta’ pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea jitqies bl-istess drittijiet ta’ kull cittadin f’kull pajjiz tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrenti qed jippruvaw jaghmlu paragun fejn paragun ma jistax isir billi Eltarhuni hu cittadin tal-Libja u ghalhekk mhux cittadin f’pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea u kwindi ma jistax jinvoka favur tieghu drittijiet jew premessi akkordati lil cittadini tal-Unjoni Ewropea. Kien ikun differenti l-kaz li kieku Eltarhuni gab prova li persuni Libjani fl-istess pozizzjoni identika tieghu thallew jizzewwgu lil cittadin Malti minghajr il-bzonn ta’ visa cioe l-lanjanza prezenti. Jinghad dan ghax fil-premessi tal-azzjoni r-rikorrenti qed jabbinaw l-artikolu 14 mal-artikolu 12 biss. Dan ma sarx u ghalhekk ma tezisti ebda lezjoni tal-artikolu 14 tal-Kapitolu 319. kif qalet il-Qort fil-kawza Kostituzzjonali **Enrietta Bianchi et vs Avukat Generali et** (24.06.2011):

”Hu llum pacifiku illi hemm diskriminazzjoni meta (1) kazijiet ugwali jew persuni f’sitwazzjonijiet ugwali, (2) jigu trattati b’mod differenti (inkluz permezz ta’ imposizzjoni ta’ inkapacitajiet jew restrizzjonijiet jew l-ghoti ta’ privileggi jew vantaggi), (3) meta ma jkunx hemm bazi objettiva u ragjonevoli ghal tali trattament differenti (tali bazi objettiva u ragjonevoli tigi nieqsa meta t-trattament differenti ikun attribwibbli ghal kollox jew principalment minhabba rrazza, il-post tal-origini, l-opinjonijiet politici eccetra talpersuni) jew; (4) jekk ma jkunx hemm rapport ragjonevoli ta’ proporzjonalita’ bejn il-mezzi impjegati u l-iskop vizwalizzat.

[2] Rat ir-rikors tal-konvenuti appellanti li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joqghgobha:

"(i) thassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tat-23 ta' Frar 2012 fl-ismijiet premessi a bazi tal-ewwel aggravju hawn sollevat u hekk tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-appellant fis-sens illi r-rikorrenti appellati kellhom/ghandhom mezz xieraq ta' rimedju taht ligi ordinarja ohra ghall-ksur tal-jeddijiet taghhom kif minnhom allegat u konsegwentement tiddeklina milli tezercita s-setghat taghha ai termini tal-artiklu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 4 tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati; jew alternattivament,

"ii) minghajr pregudizzju ghall-premess, tirriforma s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) tat-23 ta' Frar 2012 fl-ismijiet premessi billi thassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Onorabbli Qorti sabet '*li hemm lezjoni tad-dritt tar-rikorrenti taht l-artikolu 12 tal-Kapitolu 319 billi t-talba tar-Registratur taz-Zwigijiet ghal visa da parti tar-rikorrenti Eltarhuni mhix gustifikata fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u tordna lill-istess Registratur taz-Zwigijiet jipprocessa t-talba ghaz-zwieg tar-rikorrenti in konformita` ma' dak hawn deciz u mad-dokumenti l-ohra mitluba u li gia jinsabu fl-atti ta' dan ir-rikors kostituzzjonali'* u tipprova minflok billi tiddeciedi li ma hemm l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali kif sanciti fl-Artikolu 12 tal-Kapitolu 319 tal-ligijiet ta' Malta u tikkonferma ghall-kumplament, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati."

Rat li l-atturi, l-appellati, ma prezentawx risposta bil-miktub;

Rat l-atti kollha tal-kawza, u d-dokumenti ezebiti;

Rat li fl-udjenza tat-2 ta' Lulju 2012 il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghad-data tal-lum;

Ikkonsidrat:

**Il-Fatti**

[3] Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri li issa jinsabu quddiem din il-Qorti, huma dettaljatament riportati fis-sentenza appellata li giet riprodotta aktar qabel f'din is-sentenza, u mhemmx lok li jigu ripetuti minn din il-Qorti. Tippuntwalizza biss li dak li ta lok ghal din il-kawza huwa r-rifjut da parti tar-Registratur taz-Zwigijiet li jippubblika t-tnidijiet taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 8(1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li ma gewx prodotti d-dokumenti rikjesti minnu, inkluz il-visa tal-appellat Eltarhuni, cittadin Libjan.

[4] Konsegwenza ta' dan ir-rifjut, l-appellati pprezentaw quddiem il-Qorti Civili [Gurisdizzjoni Volontarja] zewg rikorsi wiehed fl-1 Dicembru 2009 u l-iehor fid-29 April 2010, sabiex l-appellant Registratur tal-Qorti jigi ordnat johrog it-tnidijiet biex ikun jista' jsir iz-zwieg. Dawn ir-rikorsi gew michuda permezz tad-digrieti numri 56/2010 u 500/2010, rispettivament. Fiz-zewg digrieti imsemmija l-Qorti cahdet it-talba tal-appellati peress li ma pprezentawx "id-dokumenti mehtiega". Konsegwenti ghar-rifjut da parti tal-appellant Registratur taz-Zwieg, u l-konferma ta' dan ir-rifjut mill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja l-appellati ntavolaw kawza quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha.

[5] Illi quddiem l-ewwel Qorti l-appellanti ssollevaw is-segwenti eccezzjoni preliminari: "Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu r-rikorrenti qed jattakkaw l-agir tal-intimat Registratur taz-Zwigijiet ghaliex qed jirrifjuta li johrog it-tnidijiet taz-zwieg, ir-rikorrenti jridu jgibu prova tal-proceduri ordinarji li bdew huma fil-konfront tal-intimati [l-appellanti] fuq dan is-suggett, u fin-nuqqas din l-Onorabbli Qorti, ghandha tastjeni milli tisma' dan il-kaz ai termini tal-Artikolu 46[2] tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta."

[6] Illi permezz tas-sentenza fuq riportata, l-ewwel Qorti cahdet din l-eccezzjoni ghal raguni li "gie ppruvat li r-rikorrenti uzaw il-mezzi ordinarji a dispozizzjoni taghhom, u kien wara li sar rifjut ghal darba, darbtejn, illi ttiehdu

dawn il-proceduri, meta l-istess rikorrenti ma ghandhom ebda rimedju iehor fattibbli.”

[7] Il-konvenuti appellaw minn din is-sentenza u ressqu zewg aggravji: wiehed ta’ natura procedurali li jirrigwarda d-decizjoni tal-ewwel Qorti li tezercita l-gurisdizzjoni taghha, u l-iehor li jitratta l-meritu tal-kaz.

L-Ewwel Aggravju

[8] Dan l-aggravju hu fis-sens li l-ewwel Qorti kellha tiddeklina milli tezercita d-diskrezzjoni taghha f’dan il-kaz, stante li “r-rikorrenti ma gabu l-ebda prova li ntavolaw proceduri ordinarji sabiex jitolbu lill-Onorabbli Prim’ Awla tirrevoka *contrario imperio* d-digrieti numru 56/10 u 500/10 tal-Qorti Civili ta’ Gurisdizzjoni Volontarja, u ghaldaqstant … l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tastjeni milli tisma’ dan il-kaz ai termini tal-Artikoli [precitati]”.

[9] Giet citata s-sentenza li nghatat minn din il-Qorti fil-kawza **Stacey Spiteri et v. Direttur Tar-Registru Pubbliku** fis-27 ta’ April 2012 li permezz taghha din il-Qorti, filwaqt li kkonfermat id-decizjoni tal-ewwel Qorti li laqghet eccezzjoni preliminari identika f’kaz simili ghal dak in dizamina, osservat hekk:

“Il-principji applikabbli meta l-Qorti tigi biex tiddeciedi jekk ir-rikorrenti ghandhomx jew kellhomx ghad-dispozizzjoni taghhom rimedju ordinarju alternattiv u effettiv gew delineati minn din il-Qorti f’diversi sentenzi taghha u li anke l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghalihom. Dan l-insenjament gie migbur b’mod komprensiv fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta’ Jannar 2006 fl-ismijiet **Olena Tretyak v. Direttur tac-Cittadinanza u Expatriate Affairs**.”

[10] Fost ohrajn insibu dawn: l-ezistenza ta’ rimedju iehor li ghandha tirrizulta bhala stat ta’ fatt attwali u objettiv; li dan ir-rimedju jkun accessibbli, xieraq, effettiv u adegwat biex jindirizza l-ksur lamentat; li biex rimedju jitqies effettiv m’hemmx ghalfejn li jintwera li dan se jaghti lir-rikorrent success garantit, imma jkun bizzejjed li jkun wiehed li jista’

jigi segwit b'mod prattiku, effettiv u effikaci; li d-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti f'dan ir-rigward trid titwettaq b'mod korrett u fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja sabiex min-naha wahda, il-qrati ta' indoli kostituzzjonali ma jkunux rinfaccjati b'kawzi li messhom jew setghu tressqu quddiem qrati ohrajn kompetenti jew li dwarhom messhom jew setghu jfittxu rimedji ohrajn effettivi, u min-naha [1]l-ohra sabiex persuna ma tkunx imcahhda mir-rimedji li ghandha jedd tfittex taht il-Kostituzzjoni jew taht il-Konvenzjoni;  li n-nuqqas wahdu ta' tehid ta' mezzi ordinarji mir-rikorrent mhuwiex raguni bizzejjed biex Qorti ta' xejra kostituzzjonali tiddeciedi li ma tuzax is-setghat taghha li tisma' l-ilment, jekk jintwera li l-imsemmija mezzi ma kinux tajbin biex jaghtu rimedju shih lir-rikorrent; izda meta jidher car li jezistu mezzi ordinarji disponibbli biex jikseb rimedju ghall-ilment tieghu, ir-rikorrent ghandu jirrikorri ghal dawk il-mezzi, qabel ma jirrikorri ghar-rimedju kostituzzjonali[2].

[11] Illi fil-kaz in ezami l-appellati setghu ghamlu talba b'rikors guramentat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili biex il-Qorti thassar u tirrevoka z-zewg digrieti tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Volontarja), haga li huma ma ghamlux u rrikorrew minflok mal-ewwel quddiem il-Qorti ta' indoli Kostituzzjonali.

[12] L-ewwel qorti fil-kaz **Stacey Spiteri et vs Direttur tar-Registru  Pubbliku**, fuq citat ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet relevanti wkoll ghal kaz odjern:

"Issa, f'dan il-kaz, din il-Qorti tara li r-rikorrenti kellhom rimedju ordinarju effettiv ghal-lanjanzi taghhom. Id-digrieti tal-Qorti Civili ta' Gurisdizzjoni Volontarja jistghu jigu attakkati b'rikors guramentat ordinarju quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili, u din ghandha s-setgha tikkonferma, tirrevoka jew timmodifika d-digrieti impunjati. Din mhijex xi procedura straordinarja; kienet issir fil-passat u ghadha ssir sal-lum (ara per ezempju l-kawza ***"Id-Direttur tar-Registru Pubbliku vs Cassar"***, deciza fil-21 ta' Mejju

[1] Par. 10 - 12
[2] Ara wkoll Qorti Kostituzzjonali Dr. Mario Vella v. Joseph Bannister deciza 07/03/1995 – LXXVIII. Pt I

2008). Dik hi procedura ordinarja u normali[3] u ma kien hemm xejn li zamm lir-rikorrenti milli hekk jipprocedu.

[13] F'dawk il-proceduri, il-Qorti ordinarja tkun tista' tidhol biex tezamina l-fatti tal-kaz u tqis hi, jekk, fil-verita`, iz-zwieg prospettat tar-rikorrenti kienx wiehed ta' konvenjenza jew le. Din il-Qorti mhix "a trial court", u l-funzjoni taghha hi biex tara li jigu salvagwardati d-drittijiet fundamentali tal-bniedem u mhux li tisma' fatti u tiddeciedi favur xi parti wara analizi ta' dawk il-fatti. Dan ix-xoghol isir mill-Qrati ordinarji, u hu lejn dawk il-Qrati li r-rikorrenti kellhom iressqu l-aggravju taghhom. Hu car, ghalhekk, li jezistu mezzi ordinarji li kienu disponibbli biex ir-rikorrenti jiksbu rimedju ghall-ilment taghhom, u huwa biss wara li jkunu fittxew dawk il-mezzi li ghandu jintuza r-rimedju kostituzzjonali."

[14] Illi din il-Qorti tosserva li ir-rimedju fuq indikat huwa wiehed li seta' gie segwit b'mod prattiku, u f'kaz li t-talba tar-rikorrenti tintlaqa' mill-Prim' Awla, ir-rimedju kien ikun wiehed effettiv u effikaci u ma kienx ikun hemm ebda lamentela dwar ksur ta' xi dritt fundamentali tar-rikorrenti, billi jkunu nghataw rimedju.

[15] Ghaldaqstant dan l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa fondat, fuq il-bazi li l-ewwel Qorti kellha tuza d-diskrezzjoni taghha billi tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni taghha fit-termini tal-artikoli precitati, tenut kont tal-ezistenza ta' rimedju ordinarju, prattiku, effettiv u adegwat.

It-Tieni aggravju

[16] Illi, stante li l-ewwel aggravju qed jitqies bhala fondat; mhuwiex il-kaz li din il-Qorti tghaddi biex tikkonsidra t-tieni aggravju li jirrigwarda l-meritu tal-kaz.

**Decide**

[3] Sottolinear ta' din il-Qorti

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba tal-appellanti u tirrevoka s-sentenza appellata; bl-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku tal-appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------